Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 12 ta' Ġunju 2017**
**(OR. en)**

**9292/17**

**ECOFIN 398**
**UEM 147**
**SOC 378**
**EMPL 292**
**COMPET 395**
**ENV 494**
**EDUC 222**
**RECH 178**
**ENER 217**
**JAI 476**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | ST 9236/17 ECOFIN 369 UEM 118 SOC 347 EMPL 262 COMPET 364 ENV 464 EDUC 192 RECH 148 ENER 188 JAI 439 - COM(2017) 506 final |
| Suġġett: | Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tal-Estonja u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tal-Estonja |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u miftiehem minn diversi kumitati tal-Kunsill, abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni COM(2017) 506 final.

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'...**

**dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tal-Estonja**

**u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tal-Estonja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika,[1] u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

---

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir kienu approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9-10 Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,[2] il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lill-Estonja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fid-9 u l-10 ta' Marzu 2017. Fil-21 ta' Marzu 2017, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ("Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro")[3].

(2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, l-Estonja għandha tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.

(3) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2017 għall-Estonja ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Ġie vvalutat il-progress tal-Estonja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti lir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Estonja lejn il-miri nazzjonali tagħha għal Ewropa 2020.

---

[2] Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

[3] ĠU L 92, 24.3.2017, p. 1.

(4) L-Estonja ppreżentat il-Programm ta’ Stabbiltà tal-2017 tagħha fit-28 ta' April 2017 u l-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2017 tagħha fl-4 ta' Mejju 2017. Sabiex jiġu kkunsidrati l-interkonnessjonijiet ta’ bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

(5) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej (Fondi SIE) għall-perijodu 2014–2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4], fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jeżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika għaqlija.

4 Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(6) Attwalment l-Estonja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tiegħu, il-Gvern baxxa l-objettiv baġitarju fuq terminu medju minn bilanċ strutturali għal defiċit ta' 0,5 % tal-PDG. Il-Gvern qed jippjana li jimxi minn bilanċ pożittiv tal-gvern ġenerali ta' 0,3 % tal-PDG fl-2016 għal defiċit ta' 0,5 % tal-PDG fl-2017 u 0,8 % tal-PDG fl-2018. Skont l-istimi tal-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, dan jikkorrispondi għal bilanċ pożittiv strutturali ta' 0,2% tal-PDG fl-2017 u defiċit ta' 0,5 % tal-PDG fl-2018, li jirrispetta l-objettiv baġitarju fuq terminu medju ta' żmien. Madankollu, abbażi tal-bilanċ strutturali rikalkulat[5], id-defiċit huwa mistenni li jammonta għal 0,1 % tal-PDG fl-2017 u 0,9 % tal-PDG fl-2018, taħt l-objettiv baġitarju l-ġdid fuq terminu medju ta' żmien. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-proporzjon ġenerali ta' dejn tal-gvern mal-PDG huwa mistenni li jibqa' taħt l-10 % tal-PDG fl-2017 u fl-2018. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati dawk il-proġettazzjonijiet baġitarji hu plawżibbli għall-2017 u l-2018, imma huwa favorevoli għall-aħħar snin tal-programm. Fl-istess ħin, hemm riskji marbutin mas-suppożizzjonijiet tar-rendiment tad-dħul relatati mal-miżuri varji ta' taxxi ġodda li se jidħlu fis-seħħ fl-2018.

(7) Fuq il-bażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2017, il-bilanċ strutturali huwa proġettat li jirreġistra defiċit ta' 0,3 % tal-PDG fl-2017, biex b'hekk jibqa' ogħla mill-objettiv baġitarju fuq terminu medju ta' żmien. Fl-2018, l-Estonja hija rrakkomandata li tibqa' fl-objettiv baġitarjufuq terminu medju. Jekk ma jkun hemm l-ebda tibdil fil-politika, hemm riskju ta' xi devjazzjoni minn dak ir-rekwiżit. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-Estonja għandha tkun lesta biex tieħu iktar miżuri biex tiżgura l-konformità fl-2018.

---

[5] Il-bilanċ aġġustat b'mod ċikliku nett għal miżuri ta' darba u temporanji, kif ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni skont il-metodoloġija maqbula b'mod komuni.

(8) L-Estonja ħadet azzjoni biex tiżgura l-forniment u l-aċċessibbiltà ta' servizzi ta' kwalità għolja, inklużi servizzi soċjali fil-livell lokali bħala parti mir-riforma tal-gvern lokali tagħha. B'mod partikolari, l-Estonja adottat l-Att ta' Riforma Amministrattiva bil-għan li tagħmilha iktar faċli biex toħloq muniċipalitajiet lokali vijabbli li jistgħu jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess, biex tippjana l-iżvilupp u t-tkabbir u biex toffri servizzi ta' kwalità. B'suċċess, lestiet il-fażi volontarja tal-fużjoni tal-muniċipalitajiet lokali u qed timplimenta l-Att ta' Assistenza Soċjali. Għadhom ma ttieħdux xi passi ewlenin biex titlesta r-riforma tal-gvern lokali. Ir-reviżjoni tal-iskema għall-finanzjament tal-muniċipalitajiet għadha pendenti. Iktar atti leġiżlattivi dwar ir-responsabilitajiet u d-diviżjoni bejn il-muniċipalitajiet u l-gvern ċentrali għadhom fi stadju ta' tħejjija. L-adozzjoni ta' dawn il-proposti hija kritika biex jiġi żgurat il-forniment ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità f'oqsma bħall-edukazzjoni, il-ħidma fost iż-żgħażagħ, il-promozzjoni tas-saħħa u t-trasport.

(9) Id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa fl-Estonja niżlet minn 28,3 % fl-2014 għal 26,9 % fl-2015 imma xorta għadha l-ikbar waħda fl-Unjoni. Il-Gvern qed jieħu passi biex jibqa' jbaxxi d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa. B'mod partikolari, il-Pjan għall-Ħarsien Soċjali 2016-2023 ġie adottat u qed jiġi implimentat biex tiġi indirizzata s-segregazzjoni tas-sessi fis-suq tax-xogħol u l-ġlieda kontra s-sterjotipi. Il-modifika tal-Att dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi sabiex l-ispettorati tax-xogħol jingħataw il-kompitu ta' monitoraġġ iktar fil-qrib tal-ugwaljanza bejn is-sessi fis-settur privat, għadha trid tiġi adottata. Ir-reviżjoni tas-sistema tal-liv għall-ġenituri biex jippermettu teħid iktar flessibbli tal-liv għall-ġenituri qed tiġi kkunsidrata wkoll. Il-bidla leġiżlattiva għadha ma ġietx adottata.

(10) In-nuqqas ta' ugwaljanza fid-dħul fl-Estonja huwa għoli. Il-proporzjon ta' dħul ta' 20 % tal-unitajiet domestiċi l-iktar sinjuri ma' dak tal-20 % tal-unitajiet domestiċi l-iktar fqar żdied minn 5,4 fl-2012 għal 6,2 fl-2015, u issa huwa s-seba' l-ogħla fl-Unjoni. Il-fattur ewlieni jidher li huwa d-differenza kbira fil-pagi b'riżultat taż-żieda kbira fid-dħul fost dawk b'ħiliet ogħla. F'termini assoluti, id-dħul tal-ifqar 10 % tal-unitajiet domestiċi waqgħu lura fit-tkabbir ta' dħul medju, u b'hekk wassal għal problemi bl-adegwatezza tax-xibka tas-sikurezza soċjali. Fattur li jikkontribwixxi huwa li l-benefiċċji (b'mod partikolari l-pensjonijiet u l-assistenza soċjali) mhux qed ilaħħqu mat-tkabbir fid-dħul tas-swieq. Dan irriżulta wkoll f'żieda gradwali fir-rata ta' riskju ta' faqar minn 15,8 % fl-2010 għal 21,6 % fl-2015. Saru sforzi sostanzjali biex is-sistema tat-taxxi ssir iktar progressiva mill-2018 'l hemm, b'mod partikolari għal dawk bi dħul baxx, billi jgħollu l-provvediment bażiku tas-sistema ta' tassazzjoni ġdida fuq l-introjtu personali.

(11) L-infiq tal-intrapriża tan-negozju fir-riċerka, it-teknoloġija u l-innovazzjoni żdied għal 0,69 % fl-2015, imma l-livell globali tiegħu jibqa' taħt il-medju tal-Unjoni ta' 1,3 %. Il-perċentwali ta' kumpaniji ta' teknoloġija għolja u ta' kumpaniji ffokati fuq l-għarfien jibqa' limitat u n-numru ta' gradwati ġodda b'dottorat huwa baxx. Fl-aħħar snin, it-tkabbir fil-pagi qabeż it-tkabbir fil-produttività b'mod kostanti, affettwa l-profitti u b'hekk naqqas it-tkabbir fl-investimenti. Investiment imrażżan fl-iżvilupp teknoloġiku jista' jikkawża l-valur miżjud tal-esportazzjonijiet, speċjalment ta' prodotti, biex jiżdied inqas milli mistenni, u joħloq riskju għat-tkabbir fil-prodott. Il-volum ta' riċerka b'kuntratt bejn l-akkademja u n-negozji żdied fl-2015. Madanakollu, il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ setturi baqgħet limitata minkejja l-miżuri li ħa l-Gvern. L-Estonja tejbet l-ambjent tal-kummerċ tagħha, imma l-proċedimenti twal ta' insolvenza u r-rata ta' rkupru għal kredituri garantiti jibqgħu ostakli għall-investiment. Fl-2016 tnieda proġett biex jittejjeb il-qafas ta' insolvenza biex il-proċess isir iktar mgħaġġel u iktar effiċjenti u biex titjieb ir-rata ta' applikazzjonijiet ta' suċċess. Madankollu, emendi għall-qafas leġiżlattiv għadhom ma ġewx adottati.

(12) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Estonja u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Estonja fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Estonja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(13) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 u l-opinjoni tiegħu[6] hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt,

6 Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Estonja tieħu azzjoni fl-2017 u fl-2018 biex:

1. Issegwi l-politika fiskali tagħha f'konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li jinvolvi li tibqa' fl-objettiv baġitarju fuq terminu medju tagħha fl-2018. Iżid l-adegwatezza tax-xibka ta' sikurezza soċjali. Tieħu miżuri biex tnaqqas id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, b'mod partikolari billi ttejjeb it-trasparenza fil-pagi u tevalwa s-sistema tal-liv għall-ġenituri.

2. Tippromwovi investiment fir-riċerka, it-teknoloġija u l-innovazzjoni, inkluż billi timplimenta miżuri għat-tisħiħ fil-kooperazzjoni bejn l-akkademja u n-negozji.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*